# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 1463/22**

**(Rikorrent). Joseph Attard, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 230463 (M)**

**kontra**

**(Intimata) Doris Cassar Azzopardi, detentriċi tal-Karta tal-Identita' Numru 429464(M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Joseph Attard (ir-rikorrent) tat-28 ta' Ottubru 2022.

Rat ir-risposta ta' Doris Cassar Azzopardi (l-intimata).

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2022.

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jitrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat**

Fi kliem ir-rikorrent stess, bir-rikors qiegħed jimmira li jinibixxi lill-intimata **milli tkompli topera jew tħalli terzi joperaw** l-istabbiliment magħruf bħala Giorġio BH f'Amery Street tas-Sliema Malta u kif ***ukoll ma xxekkilx jew tostakola l-aċċess tar-rikorrent*** għal dan l-istabbiliment.

Ir-rikorrent qed jagħmel din it-talba minħabba li l-intimata obbligat ruħha bis-saħħa tal-iskrittura tal-15 ta' Lulju 2022 (a' fol 5) li tikri il-fond inkwistjoni lilu. Minn naħa l-oħra, l-intimata qiegħda tgħid u tallega, li meta iffirmat din l-iskrittura, l-intimat "*hassar klawsoli ta' importanza kbira u induca lill-intimata taht l-impressjoni li hija kienet qed tiffirma l-abbozz maqbul precedentement*".

Il-Qorti tibda biex tagħmilha ċara, li ai fini ta' dawn il-proċeduri mhux ser tidħol fis-sustanza tal-pretensjoni sostanzjali rispettiva tal-partijiet. Din hija materja li hija riservata għal dik il-Qorti li tiġi hekk adita biex tikkonsidra b'aktar reqqa u f'aktar fond dawn il-pretensjonijiet. Prinċipju li ġie kemm-il darba affermat *ad nauseam* minn dawn il-Qrati. Prinċipju ieħor abbraċjat mill-ermenawtika lokali huwa dak, li ċ-ċaħda jew l-akkoljiment ta' rikors bħal dan, ma jfissirx li l-pretensjoni fil-mertu qed tkun preġudikata l-pożizzjoni rispettiva tal-partijiet fid-deduzzjoni tal-pretensjoni quddiem dik il-Qorti appositament adita.

Imma qabel ma din il-Qorti tikkonsidra s-soliti l-prinċipji ġenerali dwar x'jikkostitwixxu l-elementi prinċipali tal-*prima facie* dritt u l-irrimedjabbilta' tad-

dannu, f'dan il-każ hemm ċirkostanza partikolari li trid titqies qabel kull konsiderazzjoni oħra.

Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2022 il-partijiet qablu li l-fond mertu ta' dawn il-proċeduri llum qiegħed ikun operat minn terzi. Dan ħareġ ċar anke mix-xhieda tal-partijiet. Dan ifisser, li dak li r-rikorrent jrid li jkun inibit fil-fatt qiegħed iseħħ. Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet il-Qorti tfakkar, li mandat ta' inibizzjoni huwa maħsub fil-liġi biex iżomm lil xi ħadd milli jagħmel xi ħaġa ("a non fare") (**Ara P.A. RCP 23.7.2001 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet James Pearsall et noe vs Maurice Zarb Adami et noe u kif ukoll per Imħallef Joseph R. Rik. Nru. 1725/20TA 4 Micallef 10.7.2007 fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 873/07 fl-ismijiet: Carmela Gauci vs Joseph Mifsud).** Dawn is-Sentenzi jgħallmu : "

*Illi minn dawn id-disposizzjonijiet jirrizulta li l-iskop tal-istess procedura odjerna hija li l-Qorti twaqqaf xi haga milli ssir li tista' tohloq pregudizzju ghar-rikorrenti u allura jsegwi li la darba jigi ppruvat li dik il-haga li qed tigi ttentata li tigi inibita milli ssir, fil-fatt tkun diga saret din il-procedura ma tkunx tista' tirnexxi ghax l-iskop taghha jkun gie vanifikat".*

Għalhekk bis-sitwazzjoni li għandha quddiemha llum, din il-Qorti ma tistax treġġa' lura dak li diġa' sar għaliex ħaġa bħal din ma hiex it-titulata ai fini ta' dawn il-proċeduri. Konsegwentement lanqas ma tista' iżżomm lill-esponenti biex tieqaf jew tagħti aċċess għaliex dak li diġa' qiegħed isir ma jistax b'xi mod jitwaqqaf. Biex talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tirnexxi, irid qabel xejn

jirriżulta li dak li hu temut li jsir ikun ma sarx. Issa f'dan il-każ l-operazzjoni tal-post diġa' teżisti u l-aċċess diġa' ingħata lill-terzi.

Il-Qorti pero' tgħarraf, li dan ma jfissirx b'daqshekk, li minn beda jwettaq dawn l-atti ma hux ser jirrendi lilu nnifsu passibbli għall-konsegwenzi gravi, f'każ li fil-kawża propja jirriżulta li r-rikorrent qua Attur f'dik il-Kawża għandu raġun fil-mertu.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dawn il-proċeduri billi **tiċħad** it-talbiet tar-rikorrent u tirrevoka konsegwenzjalment id-digriet proviżorju tagħha tat-28 ta' Ottubru 2022.

Spejjeż għar-rikorrent.

**Illum 3, ta' Novembru, 2022**

**Imħallef Toni Abela**